MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 584/1992/2

**Joseph Aquilina Ekonomu ta’ Monsinjur Arċisqof Giuseppe Mercieca
B.A., S.th.D., J.U.D., Arċisqof Metropolitan ta’ Malta għan-nom
l-Arċidjoċesi ta’ Malta u occorrendo l-istess Monsinjur Arċisqof
Giuseppe Mercieca in persuna għan-nom l-Arċidjoċesi ta’ Malta
u b’nota tal-20 ta’ Novembru 2000, Vincent Ciliberti assuma l-atti ta’ din il-kawża minflok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-kawża;
u b’nota tas-27 ta’ Mejju 2004 Dr. Michelle Tabone assumiet**

**l-atti tal-kawża minflok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-kawża[1]**

***v.***

**Richard dei Conti Stagno Navarra u b'digriet tal-21 ta' Diċembru 2010**
**stante l-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem**
**James Stagno Navarra li f'ismu proprju u bħala mandatarju ta' ħutu**
**imsefrin Peter Stagno Navarra u Stephen Stagno Navarra;**
**Adrian Stagno Navarra; Patrick Stagno Navarra**
**u Lorraine mart Manuel Portelli**

1. Dan huwa appell tal-Arċidjoċesi attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Frar 2010 li ċaħdet talba tagħha għal dikjarazzjoni illi l-konvenut ma huwiex imsejjaħ għall-benefiċċju ta' Ġuspatronat Lajkali ta' *San Antonio Abate delli Navarra*. Sar ukoll appell inċidentali mill-konvenuti minn dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet eċċezzjonijiet preliminari tagħhom dwar leġittimazzjoni attiva u nuqqas ta' interess ġuridiku.

2. Fiċ-ċitazzjoni li biha fetħet il-kawża l-Arċidjoċesi attriċi fissret illi l-benefiċċju ta' Ġuspatronat Lajkali, magħruf bħala *Abbazia di San Antonio Abate delli Navarra* ["il-Benefiċċju"], imwaqqaf min-Nobildonna Cosmana Cumbo Navarra fl-atti tal-Nutar Nicola Allegro fil-25 ta' Awissu 1675, jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Arċisqof ta' Malta. L-aħħar pussessur ta' dan il-Benefiċċju maħtur kanonikament kien il-Kanonku Dun Francesco Saverio Bianco li miet fit-3 ta' Novembru 1989.

3. Wara l-mewt tal-Kanonku Bianco l-konvenut beda jivvanta l-jedd li jingħata l-pussess tal-Benefiċċju għax qal illi huwa l-eqreb dixxendent raġel dirett ta' Federico Falzon Navarra, dixxendent tal-fondatriċi. Wara li din il-pretensjoni tal-attur ġiet mistħarrġa, Monsinjur Arċisqof ċaħadha b'dikriet tal-21 ta' Frar 1992 l-aktar għax il-konvenut mhux kjeriku.

[1] Annotazzjoni ordnata b'digriet tal-14 ta' Ottubru 2013

4. Fis-26 ta' Marzu 1992 il-konvenut, bla ma għarraf lill-attriċi, deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Volontarja u talab "li jkun konfermat bħala pussessur tal-Ġuspatronat Lajkali msejjaħ l-*Abbazia di Sant'Antonio Abate delli Navarra* stante li hu l-eqreb dixxendent maskili dirett tal-Ill.$^{mo}$ Federico Falzon Navarra skond l-att ta' Fondazzjoni". Talab ukoll is-setgħa li jikseb il-pussess tal-beni tal-Ġuspatronat mingħand terzi, ukoll bi proċeduri ġudizzjarji jekk meħtieġ, u li tiġi konfermata l-klawsola fl-att ta' fondazzjoni li ma tħallix illi l-pussessur tal-Benefiċċju jbigħ mill-beni tal-Ġuspatronat iżda tagħtih biss il-fakoltà li jagħti dawk il-beni b'titolu ta' enfitewsi temporanja jew perpetwa.

5. Il-qorti, b'dikriet numru 40/1992, mogħti l-għada, is-27 ta' Marzu 1992, laqgħet it-talba għax dehritilha ġustifikata, bla ma innotifikat ir-rikors lill-attriċi, għalkemm it-talba *ictu oculi* kienet tolqot l-interessi tal-attriċi.

6. L-attriċi tgħid illi l-pretensjoni tal-konvenut xejn ma hija ġustifikata u anzi hija "għal kollox infondata". Tgħid ukoll illi l-qorti mhux biss ittrattat "b'mod leġġer … materja hekk komplessa u komplikata" iżda wkoll ma kellhiex kompetenza tqis il-materja, kemm għax din ma taqax fil-kompetenza lokali tagħha u kemm ukoll għax il-materja kienet waħda kontenzjuża.

7. L-attriċi għalhekk talbet illi l-qorti, wara li (i) tħassar id-dikriet numru 40/1992 tas-27 ta' Marzu 1992 kemm għax (a) mogħti minn qorti inkompetenti u għax (b) "nieqes minn kull fondament u siwi", (ii) tgħid illi l-konvenut ma huwiex u ma jistax ikun imsejjaħ għall-Benefiċċju.

8. Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

9. il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ma għandhiex kompetenza biex tisma' u taqta' din il-kawża għax dik il-kompetenza, taħt l-artt. 50(2)(*b*), 53 u 54 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hija tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Ċivili;

10. l-attriċi ma għandhiex leġittimazzjoni attiva biex tmexxi b'din il-kawża għax dik il-leġittimazzjoni tmiss biss lil min hu msejjaħ għall-Benefiċċju;

11. iċ-ċitazzjoni hija "irregolari u … nulla" għax it-talba ewlenija tal-attriċi "mhijix speċifikata";

12. l-attriċi ma għandhiex interess ġuridiku fil-kawża għax ma ġietx aggravata bid-dikriet li qiegħda titlob

t-tħassir tiegħu u ma għandha ebda jedd fuq il-Benefiċċju jew interess fih;

13. dak li qiegħda titlob l-attriċi fil-meritu jmur kontra d-disposizzjonijiet tal-fondazzjoni li "jeskludu kwalunkwe kjeriku mill-pussess u tgawdija tal-Benefiċċju";

14. il-Benefiċċju hu wieħed lajkali u mhux ekkleżjastiku; ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Awtorità Ekkleżjastika u l-Kodiċi Kanoniku ma jgħoddx għalih; u

15. id-dikriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja huwa ġust.

16. L-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza ġiet miċħuda b'sentenza tat-8 ta' Jannar 1993, konfermata minn din il-qorti wara appell b'sentenza tat-22 ta' Novembru 1995.

17. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell tallum l-ewwel qorti qatgħet il-kawża billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet (ii), (iii) u (iv), laqgħet l-eċċezzjonijiet (v), (vi) u (vii), u għalhekk ċaħdet it-talbiet tal-attriċi, wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Din il-kawża qiegħda ssir, skond kif iddikjara l-istess attur *nomine*, biex l-imsemmi dikriet tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex fil-Ġurisdizzjoni Volontarja tagħha jiġi annullat. Permezz ta' dan id-dikriet il-konvenut ġie "immess" fil-Benefiċċju in kwestjoni. L-attur *nomine* jsostni, f'dan ir-rigward, li l-qorti li tat l-imsemmi dikriet, *cioè* l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Sede Volontarja), ma kellhiex ġurisdizzjoni biex tittratta r-rikors promotur tal-konvenut u biex tipprovdi dwar l-istess rikors *stante* li l-ġurisdizzjoni tal-istess qorti hi limitata għall-persuni li joqogħdu jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna u *inoltre* hi ukoll limitata għal dawk il-każi li l-liġi tispeċifika espressament. L-attur *nomine inoltre* jissottometti li l-konvenut ma kellu jiġi qatt immess fil-Benefiċċju in kwestjoni *stante* li hu mhux kjeriku u, skond il-Liġi Kanonika, min mhux kjeriku ma jistax jiġi kjamat għal benefiċċju simili. Skond l-attur *nomine* l-Liġi Kanonika biss tirregola l-benefiċċji ekklesjastiċi u l-patrimonji sagri kwantu għal dak li għandu x'jaqsam mal-kwalifiki meħtieġa għat-tgawdija tagħhom. F'dan ir-rigward l-attur jagħmel referenza għall-artiklu 1742 tal-Kodiċi Ċivili u għall-artikolu 8 tal-*Entailed Property (Disentailment) Act*, *1950* – Kap. 130 tal-Liġjiet

ta’ Malta – u għall-paġni 245 sa 247 ta’ *Maltese Legal History under British Rule* ta’ Dottor Hugh Harding.

“*Eċċezzjonijiet tal-konvenut*

“L-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, rigwardanti l-inkompetenza ta’ din il-qorti li tittratta u tiddeċiedi din il-kawża, ġiet definittavament deċiża bis-sentenza tal-onorabbli Qorti tal-Appell tat-22 ta’ Novembru 1995 li biha l-imsemmija eċċezzjoni giet miċħuda.

*“Inoltre* l-konvenut jeċepixxi li l-attur *nomine* mhux il-persuna leġittima li jista’ jistitwixxi azzjoni bhal din. F’dan ir-rigward l-attur jissottometti li Monsinjur Arċisqof intavola din l-azzjoni fil-qadi tal-ministeru għoli tiegħu għall-ġid tal-Knisja f’Malta. *Inoltre* l-kawża ġiet intavolata ukoll *ai termini* tad-dikriet ta’ Monsinjur Arċisqof tat-3 ta’ Awissu 1983 fejn ġie ordnat li l-amministrazzjoni kollha tal-enti djoċesani tkun f’idejh u dan b’effett immedjat. Apparti dawn il-konsiderazzjoniet tal-attur *nomine*, din il-qorti hi tal-opinjoni li, kif ġà ġie indikat, il-fondatriċi kienet irriservat għall-Arċisqof ta’ Malta l-fakoltà li jikkonferma n-nomina li tkun saret lilu mill-patruni tal-Benefikat. Kwindi jidher li l-attur *nomine* hu persuna leġittima sabiex jintavola din il-kawża u hu persuna li għandha interess ġuridiku f’din il-kawża li appuntu saret sabiex l-imsemmija konferma tal-qorti ċivili tiġi annullata. Ma hemmx dubju li l-attur *nomine* seta’ ġie aggravat bid-dikriet tal-qorti ta’ ġurisdizzjoni volontarja. Barra minn hekk, għar-rigward taċ-ċitazzjoni tal-attur *nomine* u tat-talbiet kif kontenuti fl-istess ċitazzjoni, ma jirriżulta xejn irregolari jew null. L-imsemmija talbiet huma speċifiċi u ċari u ma jħallu ebda dubju dwar fejn irid jasal l-attur.

“Għalhekk l-eċċezzjonijiet numri (2) (3) u (4) ukoll għandhom jiġu miċħuda u infatti l-istess eċċezzjonijiet tal-konvenut qed jiġu miċħuda.

*“It-talba tal-attur*

“It-talba tal-attur *nomine* li l-imsemmi dikriet tas-27 ta’ Marzu 1992 tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Volontarja) m’għandux jibqa’ fis-seħħ hi effettivament ibbażata fuq żewġ kawżali u *cioè* l-ewwel għaliex l-imsemmi dikriet ġie mogħti minn qorti li ma kenitx kompetenti u t-tieni għaliex skond il-liġi Kanonika l-konvenut ma kellu qatt jiġi immess fil-Benefiċċju.

*“L-ewwel kawżali*

"Għar-rigward tal-ewwel kawżali l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzzjoni Volontarja) għandha s-setgħa li taġixxi f'kwestjonijiet mhux kontenzjużi fejn jirrigwardaw persuni li joqogħdu jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna. *Inoltre* l-liġi espressament tistipula li kwestjonijiet dwar il-proprjetà ta' beni immobbli, jew li għandhom x'jaqsmu ma' servitujiet, piżijiet jew drittijiet oħra magħqudin ma' beni immobbli jaqgħu fil-kompetenza tal-qrati li fil-passat kienu magħrufa u deskritti bħala "superjuri" u dana kollu indipendentement mill-valur tat-talba. Il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja hi qorti "superjuri" u konsegwentement il-qorti in kwestjoni kienet unikament kompetenti li tittratta kwestjonijiet li jinvolvu proprjetà immobbiljari li tinsab Għawdex. Il-Benefiċċju in kwestjoni kien jirrigwarda b'mod partikolari diversi artijiet ġewwa Għawdex u *cioè* diversi biċċiet raba' prinċipalment fil-Qala, Għawdex. Kwindi l-qorti in kwestjoni kienet kompetenti li tittratta u tiddeċiedi t-talba kif kontenuta fir-rikors in kwestjoni tal-konvenut.

"Inoltre l-attur *nomine*, dejjem għar-rigward tal-imsemmija l-ewwel kawżali, jissottometti li l-meritu tar-rikors tal-konvenut in kwestjoni kien jidher mad-daqqa t'għajn li hu materja kontenzjuża u għaldaqstant il-qorti, mill-ewwel, kellha tirrimetti l-kwestjoni għall-kontenzjuż. Il-qorti eżaminat il-kopja tar-rikors in kwestjoni, liema kopja hi esibita bħala dokument 'AA' *a fol*. 23 *et seq*. Il-qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-attur *nomine* li wieħed mill-ewwel jinduna li r-rikors kien jittratta materja kontenzjuża. Ma hemm xejn fir-rikors li jindika li fil-meritu tar-rikors kien hemm terzi li setgħu kienu interessati fil-materja in kwestjoni u li dawn it-terzi kienu, b'xi mod, qed jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti. Fir-rikors in kwestjoni ma hemm l-ebda aċċenn għall-fatt li l-konvenut kien qabel applika għand l-awtoritajiet ekkleżjastiċi sabiex jiġi konfermat bhala Rettur tal-Benefiċċju u għalhekk dik il-qorti ma setgħetx tkun taf b'dan l-istess fatt.

"Lanqas ma tirriżulta suffiċjentement pruvata l-pretensjoni tal-attur *nomine* li r-rikors ġie trattat u deċiż b'mod leġġier. Jista' jkun li l-materja trattata fir-rikors kienet komplessa u komplikata. Hu minnu wkoll li d-dikriet relativ ingħata l-għada tal-preżentata tal-rikors. Minn dawn il-fatti, però,

ma jistax jiġi konkluż li l-qorti ttrattat u ddeċiediet l-istess rikors b'mod inakkurat u disattent. In effett qabel ma r-rikors ġie deċiż dik il-qorti semgħet lir-rikorrenti u lid-difensur tiegħu u, tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari kollha riżultanti, ikkonkludiet li t-talbiet tar-rikorrenti kienu ġustifikati u konsegwentement laqgħat l-istess talbiet tar-rikorrenti.

"*In vista* ta' dak kollu li ġie premess it-talbiet tal-attur *nomine* ma jistgħu qatt jiġu akkolti fuq l-imsemmija l-ewwel kawżali kif motivata mill-istess attur *nomine* fiċ-ċitazzjoni. F'dan ir-rigward, però, trid ukoll tiġi eżaminata kwestjoni sollevata mill-attur *nomine* waqt it-trattazzjoni tal-kawża fis-sens illi l-qorti ċivili ma setgħetx tikkonferma n-nomina ta' Rettur *stante* li dan jispetta biss lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi, in partikolari lill-Arċisqof ta' Malta u dana *ai termini* tal-att ta' fondazzjoni tal-Benefiċċju kif ukoll skond il-Liġi Kanonika. Hu minnu li skond l-att tal-fondazzjoni l-patruni tal-Benefiċċju kellhom jippreżentaw persuna li setgħet tingħata t-tgawdija tal-istess Benefiċċju lill-Arċisqof ta Malta li da parti tiegħu kellu jikkonferma n-nomina skond jekk il-persuna preżentata kenitx idonea u jekk kellhiex il-kwalifiki neċessarji jew le. Għalhekk kienet il-funzjoni tal-imsemmija Awtorita Ekkleżjastika li tik-konferma n-nomina sottomessa lilha. In effett jirriżulta li l-konvenut talab din il-konferma però tali talba ġiet miċħuda. Kien għalhekk li l-konvenut, fuq il-parir tal-konsulenti legali tiegħu, adixxa lill-Qorti ta' Għawdex fil-kompetenza tagħha volontarja. F'dawn iċ-ċirkostanzi ma jistax jingħad li l-imsemmija qorti kienet inkompetenti li titratta r-rikors in kwestjoni. Il-konferma kienet riżervata għal awtorità oħra (mhux ġudizzjarja) però dan ma jrendix is-Sekond'Awla inkompetenti.

"*Inoltre* x-xhud tal-attur *nomine*, fir-rigward tar-rikors tal-konvenut fil-Qorti ta' Għawdex, jaqbel li r-rikors ġie preżentat minn min kien jiġi l-eqreb fid-demm mill-fondatriċi, *cioè* mill-konvenut, u li n-nomina wkoll kienet favur il-konvenut, li jidher li, skond l-att tal-fondazzjoni, kellu l-akkrediti kollha neċessarji. Kwindi jidher li l-konvenut kien persuna idonea u għalhekk anke l-konferma li saret mill-qorti għandha titqies li hi regulari.

"*It-tieni kawżali*

“Kwantu għat-tieni kawżali l-attur *nomine* jissottometti li, skond il-Liġi Kanonika, il-konvenut ma kellu qatt jiġi immess fil-Benefiċċju, b’mod partikolari peress li huwa mhux kjeriku. F’dan ir-rigward jirriżulta li l-konvenut, qabel ma intavola r-rikors quddiem il-qorti ta’ ġurisdizzjoni volontarja li wassal għad-dikriet in kwestjoni, talab lill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi li jiġi konfermat pussessur tal-Ġuspatronat Lajkali in kwestjoni li hu msejjaħ *Abbazia di Sant’Antonio Abate delli Navarra* jew biex jiġi maħtur pussessur *pro tempore* tal-istess ġuspatronat. Din l-applikazzjoni tal-konvenut però ġiet miċħuda u r-raġuni għal dan li tat l-Awtorità Ekkleżjastika kienet li huwa persuna lajka u mhux kjeriku. L-attur *nomine* jsostni illi biex xi ħadd jiġi nominat Rettur jew jiġi imsejjaħ għall-Benefiċċju skond il-liġi tal-Knisja jew il-Liġi Kanonika dan irid ikun kjeriku. Da parti tiegħu l-konvenut jissottometti illi skond l-Att tal-Fondazzjoni, huwa għandu jigi msejjaħ għall-pussess u t-tgawdija tal-Benefiċċju appuntu għaliex mhux kjeriku.

“F’dan ir-rigward għandu jiġi stabbilit jekk il-Benefiċċju in kwestjoni huwiex wieħed lajkali jew ekkleżjastiku. Għandu ukoll jiġi stabbilit liema regoli għandhom japplikaw għal dan il-Benefiċċju *cioè* jekk tapplikax il-Liġi Kanonika jew jekk japplikawx id-disposizzjonijiet tal-Att tal-Fondazzjoni tal-Benefiċċju.

*“Benefiċċju ekkleżjastiku jew lajkali*

»Il-ġuspatronat jew il-Benefiċċju in kwestjoni, imsejjaħ *Abbazia di San Antonio Abate delli Navarra*, ġie mwaqqaf minn Nobildonna Cosmana Cumbo Navarra b’att ta’ fondazzjoni *causa mortis* fl-atti tan-Nutar Nicola Allegritto tal-25 ta’ Awissu 1675.

“Il-Kodiċi Kanoniku promulgat fil 1917 jiddistingwi bejn ġuspatronat ekkleżjastiku, lajkali u mist u dana skond l-att minn fejn jidderiva l-ġuspatronat. L-istess kodiċi per ma jagħtix definizzjoni ta’ f’xiex jikkonsisti ġuspatronat lajk jew f’xiex jikkonsisti dak ekkleżjastiku jew dak mist.

“Il-partijiet ma jaqblux jekk il-ġuspatronat in kwestjoni huwiex ekkleżjastiku jew lajkali. Il-konvenut jissottometti li l-Benefiċċju hu lajkali filwaqt li xhud prodott mill-attur *nomine*, *cioè* l-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof Awżiljarju Monsinjur Annetto Depasquale (minn hawn ’il quddiem imsejjah “ix-xhud tal-attur *nomine*”), fl-*affidavit* tiegħu

jsostni li l-Benefiċċju hu wieħed ekkleżjastiku iżda ta' ġuspatronat lajkali. Lajkali peress li l-fondatriċi, jew it-testatriċi, iddonat lill-istess Benefiċċju, bħala persuna ġuridika, diversi biċċiet ta' proprjetà immobbli. Skond l-istess xhud in-natura ekkleżjastka tal-Benefiċċju tirriżulta mit-terminoloġija użata fl-att tal-fondazzjoni u mill-iskopijiet reliġjuzi li għalihom twaqqaf il-benefiċċju, bl-obbligi ta' ċelebrazzjoni ta' Quddies, ta' provvediment ta' arredi sagri u ta' obbligi piji oħra. F'dan ir-rigward ukoll l-istess xhud jagħmel referenza għad-dixxiplina kanonika, li tobbliga lis-suċċessuri tal-fondatriċi fil-ġuspatronat, bħala patruni bid-dirtt tan-nomina tal-Abbati jew tar-Rettur tal-Benefiċċju, li f'kull każ ta' vakazzjoni tal-benefiċċju jippreżentaw il-persuna minnhom nominata lill-Isqof ta' Malta, li għandu l-awtorità li jikkonferma n-nomina. F'dan ir-rigward il-konvenut jirritjeni, però, li d-dixxiplina kanonika ma tapplikax għall-każ in eżami appuntu peress li l-Benefiċċju mhux ekkleżjastiku. Din il-kwstjoni ser tiġi eżaminata aktar 'il quddiem fil-preżenti sentenza.

"Hi ukoll is-sottomissjoni tal-attur *nomine* li l-Benefiċċju hu in effett regolat mill-volontà tat-testatriċi, mil-Liġi Ċivili kif ukoll mil-Liġi Kanonika viġenti f'kull żmien. F'dan ir-rigward ix-xhud tal-attur *nomine* jirreferi għall-artikolu 1742 tal-Kodiċi Ċivili u għall-artikolu 8 tal-Kap. 130 tal-Liġijiet ta' Malta dwar il-Ħelsien mill-Vinkolu ta' Ġid marbut b'Fedekommess. Il-konvenut isostni, però, li dawn l-artikoli tal-Liġi Ċivili, fi kwalunkwe każ, mhux applikabbli *stante* li dawn l-artikoli jitkellmu u jirregolaw biss benefiċċji ekkleżjastiċi u mhux dawk tal-lajċi *cioè* lajkali.

"Kif tipprovdi l-Liġi Kanonika sabiex tiġi stabbilita n-natura tal-ġuspatronat in kwestjoni għandu jiġi eżaminat l-att ta' fondazzjoni u f'dan il-każ l-imsemmi att tal-fondazzjoni *causa mortis*.

"Il-fondatriċi, fl-att ta' fondazzjoni u fl-*addenda* għall-istess att, liema *addenda* saret (*sic*) fl-atti tal-istess Nutar Nicola Allegritto, nhar it-18 ta' Ottubru 1675, iddisponiet li l-benefiċċju kien qed jitwaqqaf bħala benefiċċju sempliċi ta' ġuspatronat lajkali. Li l-Benefiċċju kien qed jiġi mwaqqaf bħala wieħed lajkali hu ripetut diversi drabi fl-istess att tal-fondazzjoni. In effett din il-qorti hi tal-fehma li l-Benefiċċju għandu jiġi ritenut li hu lajkali għaliex hu fondat minn persuna lajka, li rabtet il-ġuspatronat ma' titolu lajk *cioè*

skond is-suċċessjoni bid-dritt tan-nomina tar-rettur tal-Benefiċċju. Dan id-dritt tan-nomina, skond il-Fondazzjoni, hu marbut ma' dixxendenza maskili min-neputi tal-fondatriċi Signor Federico Falzon Navarra, u fin-nuqqas ma dixxendenti rġiel mil-linja femminili tal-istess neputi u fin-nuqqas ma' dixxendenza maskili min-neputija tagħha Faustina, oħt l-imsemmi Signor Federico. Fin-nuqqas ta' dixxendenza maskili kemm mil-linja maskili kif ukoll mil-linja femminili l-Benefiċċju kellu jgħaddi lil min ikun l-eqreb dixxendent li jkun jiġi bid-demm mill-fondatriċi. Fin-nuqqas ta' dawn kollha l-Isqof ta' Malta ngħata s-setgħa li jinnomina saċerdot *pro tempore* sakemm ma jitwelidx dixxendent maskili.
"Dan kollu jindika b'ċerta enfasi li l-Benefiċċju hu lajkali. Jindika ukoll li ma kinitx ir-rieda tal-fondatriċi li t-tgawdija tal-Benefiċċju tgħaddi f'idejn kjeriku. Dan seta' jsir biss meta ma jkunx hemm dixxendenti maskili u biss temporanjament sakemm ma jkunx hemm tali dixxendent maskili. Jiġi nnotat li jirriżulta li bħala l-ewwel Abbati kien ġie preżentat u nominat it-tieni wild iben tal-istess Federiku li ma kienx kjeriku. Mill-*affidavit* tal-konvenut jirriżulta li għal diversi snin wara l-fondazzjoni tal-Benefiċċju l-fondazzjoni kienet dejjem fil-pussess ta' xi dixxendent maskolin tal-imsemmi Sinjur Federiku, u qatt minn xi qassis jew kjeriku ieħor u wisq inqas mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi u jidher li l-fondazzjoni baqgħet fil-pussess u rappreżentata minn dixxendenti maskolini tas-Sinjur Federiku Navarra u dawn jidhru li la kienu miżżewġin u lanqas ma kienu reliġjuzi. *Inoltre*, skond ir-rieda tal-fondatriċi, ir-rwol tal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi fil-Benefiċċju kien limitat.
"Jista' jingħad ukoll li, fir-rigward tal-kwestjoni in eżami, ix-xhud prodott mill-attur *nomine* jaqbel li l-Benefiċċju ġie ffundat għad-dixxendenti tal-imsemmi Sinjur Federiku Falzon Navarra maskili u finalment għal persuna li tiġi fid-demm mill-istess fundatriċi.

*"Liema regoli għandhom japplikaw*

"Il-kwestjoni hawn hi jekk għandiex tapplika il-Liġi Kanonika *cioè* l-Liġi tal-Knisja jew jekk għandhomx japplikaw id-disposizzjonijiet tal-att tal-fondazzjoni tal-Benefiċċju jew aħjar jekk ir-rieda tat-testatriċi jew fondatriċi għandhiex tipprevali.

"Ix-xhud tal-attur *nomine*, *cioè* l-Isqof Awżiljarju Annetto Depasquale, ikkonferma (*fol*. 345) li jista' jiġi nominat Rettur persuna li għandha l-kwalifiki skond ir-regolamenti tal-Liġi tal-Knisja li minn żmien għal żmien ikunu *in vigore*. Skond l-istess xhud, però, għandhom ukoll japplikaw id-disposizzjonijiet li riedet il-fondatriċi *oltre* li, kif gia rilevat, iridu jiġu osservati l-provvedimenti tal-Liġi tal-Knisja li minn żmien għal zmien jistgħu jimponu kwalifiki u esiġenzi ġodda. *Inoltre* jidher li l-imsemmija deċiżjoni tal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi li biha giet miċħuda t-talba tal-konvenut sabiex jigi konfermat għall-Benefiċċju in kwestjoni hi bbażata fuq il-provvedimenti tal-imsemmi Kodiċi Kanoniku tal-1917. F'dan ir-rigward hu importanti li jiġi rilevat li l-att ta' fondazzjoni in kwestjoni ġie magħmul fil-25 ta' Awissu 1675, u *cioè* ħafna qabel ma ġiet promulgata l-Liġi Kanonika tal-1917. In effett il-Kanoni li għalihom l-attur *nomine* jibbaża t-teżi tiegħu li l-Kodiċi Kanoniku għandu japplika daħlu fis-seħħ sekli wara li ġie pubblikat l-att ta' fondazzjoni. Il-fatt li għaddew is-sekli mill-att tal-fondazzjoni sakemm daħlu fis-seħħ il-Kanoni kontenuti fil-Kodiċi Kanoniku tal-1917 jista' jkun rilevanti. Hu rilevanti, però, li l-fondatriċi tipprojbixxi b'mod assolut li jsir tibdil fin-natura intrinsika tal-att ta' fondazzjoni u b'enfasi tipprojbixxi wkoll li xi ħadd jew xi awtorità jew xi liġi jistgħu jbiddlu n-natura tal-fondazzjoni jew li jistgħu jitbiddlu r-regoli minnha stipulati dwar id-dritt għall-kjamata fil-pussess tal-Benefiċċju. Il-fondatriċi għamlitha ċara li ebda tibdil jew tħassir ("*derogatione*") fil-liġi ġenerali jew fil-Kostituzzjoni Apostolika, anke jekk promossi mis-*Santa Sede* nnifisha, ma seta' jbiddel ir-regoli li għandhom jiggvernaw in-nominazzjoni u preżentazzjoni ta' persuni għall-pussess tal-fondazzjoni.

"Jiġi wkoll innotat li fl-imsemmi Kodiċi Kanoniku tal-1917 m'hemmx dikjarat li l-istess Kodiċi għandu jkollu effett retroattiv. Biex il-liġi jkollha effett retroattivi, hemm bżonn li dan l-effett jirriżulta b'mod l-aktar ċar u żgur mill-istess liġi u għalhekk fid-dubju r-retroattività għandha tiġi eskluża …

… … Il-Liġi Kanonika tal-1917 ma tagħmel ebda referenza għal atti ta' fondazzjoni li saru qabel il-1917.

"Fid-dawl ta' dan kollu jidher li l-Benefiċċju m'għandux jiġi regolat mill-Kodiċi Kanoniku u in partikolari minn dak promulgat fil-1917, iżda għandu jiġi regolat bid-

disposizzjonijiet li riedet il-fondatriċi. Difatti, jista' jingħad li, kieku kellha tipprevali l-interpretazzjoni pretiża mill-attur, il-volontà tal-leġislatur espressa tkun qiegħda tiġi injorata għal kollox.

*"Kwestjonijiet ohra rilevanti*

*"Il-varji pożizzjonijiet li assuma l-attur* nomine *fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża*

"In effett donnu li l-attur *nomine* lanqas ma hu żgur mill-pożizzjoni tiegħu. Fiċ-ċitazzjoni jindika li l-Benefiċċju hu wieħed lajkali. Sussegwentement jissottometti li l-Benefiċċju hu wieħed ekkleżjastiku però ta' ġuspatronat lajkali. Wara dan huwa jsostni li l-Benefiċċju huwa esklużivament ekkleżjastiku. Lanqas ma hu għal kollox ċert l-attur *nomine* dwar liema regolamenti għandhom japplikaw. Filli jissottometti li għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li riedet il-fondatriċi u filli jsostni li dawn id-disposizzjonijiet jistgħu jidbiddlu mil-Liġi Kanonika u li fi kwalunkwe każ għandha dejjem tiġi applikata l-Liġi Kanonika.

*"Talba tal-konvenut biex jigi konfermat fil-Benefiċċju magħmula lill-Awtorità Ekkleżjastika*

"Mill-provi jirriżulta li l-konvenut ippreżenta rikors fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta fejn talab li huwa jiġi konfermat fil-pussess u bħala rettur ta' dan il-Benefiċċju, u *inoltre* talab lill-Arċisqof ta' Malta li, jekk hemm bżonn, jiġi maħtur possessur *pro tempore* tal-imsemmija Abbazia. L-Awtorità Ekkleżjastika rriġettat dawn it-talbiet u kien għalhekk, skond il-konvenut, li huwa kien kostrett japplika lill-qorti ċivili biex jakkwista tali konferma. Il-konvenut jissottometti li l-ewwel huwa għamel it-talba lill-Kurja u biss sussegwentement huwa applika lill-qorti ċivili. Huwa għamel it-talba l-ewwel lill-Awtorità Ekkleżjastika peress li hekk jistipula l-att tal-fondazzjoni u *cioè* li n-nomina trid tiġi sottomessa lill-Isqof ta' Malta għall-konferma. Skond il-konvenut dan ma jfissirx li huwa għaraf li dan il-Benefiċċju jaqa' taħt il-kompetenza tal-Awtorità Ekkleżastika. Il-qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni tal-konvenut.

*"In vista* ta' dak kollu li ġie premess u *in linea* mal-imsemmija prinċipji rigwardanti r-retroattività, l-Kodiċi Kanoniku m'għandux japplika għall-Benefiċċju iżda għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li riedet il-fondatriċi skond l-att ta' fondazzjoni. *Inoltre* l-Benefiċċju

għandu jiġi ritenut li hu lajkali u għalhekk ukoll m'għandhomx japplikaw il-Kanoni kontenuti fil-Kodiċi Kanoniku.

*"It-traduzzjoni tal-att tal-fondazzjoni*

"L-imsemmi xhud tal-attur *nomine* jaqbel (*fol*.149) li biex jiġi deċiż min jista' jkun kjamat għall-Benefiċċju in kwestjoni għandu jiġi analizzat l-att tal-fondazzjoni. Kwindi l-kwestjoni kollha tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-att tal-fondazzjoni kif ukoll it-traduzzjoni tal-istess att. Kemm għar-rigward tat-traduzzjoni kif ukoll għar-rigward tal-interpretazzjoni m'hemmx qbil bejn il-partijiet. Dwar it-traduzzjoni hemm ukoll nuqas ta' qbil bejn il-partijiet kif ukoll bejn il-partijiet u t-traduzzjoni li ġiet sottomessa mill-espert traduttur. Tant hu hekk li l-konvenut ippreżenta traduzzjoni oħra tal-stess att tal-fondazzjoni. In effett hemm diverġenzi bejn it-traduzzjoni preżentata mill-konvenut u t-traduzzjoni tal-espert traduttur. Dawn id-diverġenzi jirrigwardaw b'mod partikolari dik il-parti tal-att tal-fondazzjoni li tittratta dwar it-tmiem tat-tgawdija tal-Benefiċċju u dwar min jista' jiġi msejjaħ għall-istess Benefiċċju. Il-konvenut jippretentendi li l-kjeriċi huma esklużi mill-pussess tal-Benefiċċju u dan peress li l-att in kwestjoni jipprovdi li t-tgawdija tispiċċa meta (fost ċirkostanzi oħra) min ikollu l-pussess jidħol fil-ħajja reliġjuża.

"L-espert traduttur jittraduċi din l-istess frażi "*religionis ingressus*" bħala l-Magħmudija, mentri skond il-konvenut il-frażi tfisser "dħul f'ordni reliġjuz." Il-partijiet jaqblu li traduzzjoni ma tistax issir *ad litteram* u *cioè* ma tistax tiġi tradotta l-kelma minngħajr ma jingħata kont tal-kuntest tagħha. In effett tenut kont tal-kuntest fejn tintuża l-imsemmija frasi hu ċar li l-imsemmija frasi tfisser "id-dħul f'ordni reliġjuz" jew dħul fil-ħajja reliġjuza u *cioè* meta wieħed isir saċerdot jew patri. Eventwalment anke ix-xhud tal-attur *nomine* jaqbel li l-imsemmija frażi tfisser "dħul fil-ħajja reliġjuza" però jsostni li din il-frażi għandha tiġi interpretata bħala li qed tfisser li huwa dak il-kjeriku li jintendi li jidħol fil-ħajja reliġjuża li jitlef id-dritt li jkun Rettur u *cioè* meta qassis, jew min ikun ġà beda t-triq biex isir qassis, sussegwentement jidħol f'xi ordni reliġjuża u għalhekk ikun, kif komunement magħruf, patri u kwindi jitlef id-dritt li jkun ir-Rettur. In effett l-istess xhud isostni (*fol*. 269) li l-

intenzjoni tal-fondatriċi kienet li min ikun Rettur għandu jkun kjeriku *cioè* qassis.

"F'dan ir-rigward il-pożizzjonijiet tal-partijiet huma opposti. Il-qorti taqbel mal-interpretazzjoni li joffri l-konvenut. Dik mogħtija mill-attur *nomine*, fl-opinjoni tal-qorti, ma hix konformi mar-rieda tal-fondatriċi kif espressa fl-istess att tal-fondazzjoni. In effett hu ċar li l-fondatriċi ma xtaqitx li l-pussess tal-Benefiċċju jaqa' f'idejn patri kif ukoll f'idejn saċerdot. Din id-distinzjoni bejn qassis u patri saret biss mill-attur *nomine*, però ma jidhirx li din l-istess distinzjoni kienet fil-ħsieb tal-fondatriċi meta kien qed jiġi redatt l-att tal-fondazzjoni.

*"In vista* ta' dan kollu t-talba tal-attur *nomine* lanqas ma tista' tiġi akkolta fuq l-imsemmija t-tieni kawżali. Difatti mill-att tal-fondazzjoni wieħed ma jistax jasal għall-konklużjoni żgura u ċerta li l-fondatriċi riedet li l-pussessur tal-Benefiċċju jkun kjeriku kif qed jippretendi l-attur *nomine*.

*"Inoltre*, kif ġà rilevat, skond l-att tal-fondazzjoni in kwestjoni l-fondatriċi riedet li biss meta jiżvojtja l-ġuspatronat, u *cioè* meta ma jkunx hemm dixxendenti maskili, allura l-Benefiċċju in kwestjoni jista' jiġi fdat temporanjament lil wieħed saċerdot sakemm jitwieled dixxendent maskili. Dan hu ukoll konfermat mix-xhud prodott mill-attur *nomine* (*fol*. 340). Għalhekk jirriżulta li l-fondatriċi riedet li għandu jinħatar xi ħadd li hu qassis jew patri f'ordni reliġjuża biss f'dawk iż-żmienijiet li ma jkunx hemm dixxedenti maskili. Din hi indikazzjoni ċara li l-fondatriċi ma riditx li kjeriku ikun il-pussessur tal-Benefiċċju.

"Il-konvenut esibixxa alberu ġeneoloġiku (*fol*. 354) minn fejn jirriżulta b'mod suffiċjenti li huwa għandu jiġi ritenut bħala persuna idonea skond l-att tal-fondazzjoni u dan peress li hu l-eqreb dixxendent dirett fid-demm tal-fondatriċi. Għalhekk ukoll jirriżulta li l-konvenut aġixxa skond it-termini tal-fondazzjoni meta huwa ippreżenta lilu nnifsu għall-ħatra bħala pussessur.

*"Trasferiment tal-proprjetà tal-immobbli oġġetti tal-Benefiċċju*

"Fl-aħħar nett jista' wkoll jingħad li hu ċar li fl-att tal-fondazzjoni hemm biss trasferiment tal-assi kompriżi fil-fondazzjoni b'donazzjoni lill-Benefiċċju, bħala enti

ġuridiku, u hu żgur li ma sar ebda trasferiment tal-istess assi lill-attur *nomine*.

*"Konklużjoni*

"Fid-dawl ta' dak kollu li ġie premess l-eċċezzjonijiet numri (5), (6) u (7) tal-konvenut għandhom jiġu akkolti u kwindi t-talba tal-attur *nomine* għandha tigi riġettata.

"Għal dawn il-motivi tiċħad it-talba tal-attur *nomine*.

*"In vista* tan-natura straordinarja ta' din il-kawża l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet u jiġi preċiżat li l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert traduttur għandhom jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.«

18. L-attriċi appellat miċ-ċaħda tat-talbiet tagħha b'rikors tat-8 ta' Marzu 2010. Il-konvenut wieġeb fil-5 ta' Mejju 2010 u fisser għala, fil-fehma tiegħu, l-appell għandu jiġi miċħud u appella inċidentalment miċ-ċaħda tat-tieni u tar-raba' eċċezzjonijiet tiegħu. L-attriċi wieġbet għall-appell inċidentali fil-25 ta' Mejju 2010.

19. L-appell inċidentali tal-konvenut jolqot l-eċċezzjonijiet dwar il-leġittimazzjoni attiva, u għalhekk il-*locus standi*, tal-attriċi. Jekk jintlaqa' dan l-appell inċidentali, u jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet relativi, il-kawża tieqaf hawn. Il-qorti sejra għalhekk tibda biex tqis l-appell inċidentali qabel ma tgħaddi biex, jekk ikun il-każ, tqis l-appell ewlieni.

20. L-aggravju tal-konvenut kontra ċ-ċaħda tat-tieni u tar-raba' eċċezzjonijiet tiegħu – dik li tgħid illi l-Arċidjoċesi attriċi ma għandhiex interess ġuridiku u dik li tgħid illi l-istess Arċidjoċesi ma ġietx aggravata bid-dikriet li qiegħda titlob t-tħassir tiegħu – ġie minnu mfisser hekk:

"Dan … iwassalna għall-eċċezzjoni sollevata mill-esponenti dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku da parti tal-attur sabiex jippromwovi l-kawża odjerna. Ġaladarba l-Isqof kellu biss, skont l-att ta' fondazzjoni, funzjoni ta' sorveljanza jew ta' arbitru meta jkun hemm pretendenti għall-pussess tal-fondazzjoni … jew biex jissorvelja l-għoti ta' xi fond b'ċens, u l-intromissjoni tiegħu fil-ġestjoni tal-fondazzjoni kienet tiskatta biss u esklusivament meta huwa jiġi adit minn xi ħadd fost dawk il-pretendenti sabiex jiddeċiedi dwar min minnhom għandu l-*prior ius* għal dak il-pussess, u jitterminaw appena jkun ta deċiżjoni mod jew ieħor fuq il-punt kontrovers riferut lilu, ma kellu qatt xi dritt illi *motu proprio* jintervjeni fil-ġestjoni tal-fondazzjoni u

lanqas ma seta' jaġixxi, speċjalment ġudizzjarjament, sabiex jintrometti ruħu fil-ġestjoni tal-fondazzjoni. Bl-istess mod, ħadd ma joħlom illi l-qrati ordinarji sejrin jew jistgħu b'xi mod jaġixxu huma *marte proprio* sabiex jikkawtelaw jew jeżerċitaw xi funzjoni illi hija bil-liġi afdata f'idejhom jew sabiex jiddeċiedu xi kwistjoni d-determinazzjoni ta' liema tispetta lilhom skond il-liġi. Il-funzjoni tal-qrati tiskatta biss meta ċittadin jew entità ġuridika oħra tadixxi lill-istess qrati sabiex jesprimu ruħhom fuq dak il-punt partikolari.
"… L-appellant ma għandu ebda dritt jew interess ġuridiku jintrometti ruħu fil-kwistjoni dwar min għandu jirrappreżenta l-fondazzjoni mwaqqfa minn Cusmana Navarro …; żgur li m'għandux interess ġuridiku sabiex b'xi mod jimpunja d-dikriet mogħti mill-onorabbii Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja, anke jekk, għall-grazzja tal-argument biss, l-esponenti messu adixxa lill-onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili pjuttost milli l-Qorti f'Għawdex.«

21. Essenzjalment, l-interess li fuqu l-Arċidjoċesi attriċi qiegħda ssejjes l-azzjoni tagħha huwa dak relativ għall-ħatra tal-Abbati tal-Abbazija maħluqa mill-fondatriċi b'att ta' donazzjoni *causa mortis* tal-25 t'Awissu 1675. Il-parti relativa għall-ħatra tal-Abbati tgħid hekk:
"Item che per primo Abbate in detto giuspatronato Abbatia nuncupatum nomina e presenta Il Signor Pietro Paolo figlio secondogenito del detto Signor Federico nato e procreato da lui e della Signora Lucretia Gauci sua consorte, con questo però, che debbia chiamarsi l'Abbate Navarro con portare l'insegne et armi della famiglia Navarra e cossì s'intendano obligati li suoi successori in detto giuspatronato Abbatia nuncupatum pro tempore in infinitum chiamarsi Abbati Navarra supplicando l'Il$^{mo}$ e Rev$^{mo}$ Mons. Vescovo, e suo Rev$^{mo}$ Sig$^{re}$ Vicario Generale si degnino instituire alla nominatione e presentatione predetta al detto S$^{re}$ Pietro Paulo et in caso che mancassero i sudetti Abbati pro tempore tanto nel nominarsi Abbati Navarra quanto nel portare l'insegna delli Navarra d'adesso per allora, e quando casus dederit li priva, e vuole che siano pivati dal detto giuspatronati Abbatia nuncupatum ipso iure, ac si contigeret vacare per obitum, e vi sarà luogo a nuova presentatione dell'altri

chiamati dal primogenito a chi spetterà la presentatione predetta.«[2]

22. L-espert maħtur mill-ewwel qorti biex jaqleb l-att għall-malti ippreżenta din il-verżjoni:

“Ukoll li bħala l-ewwel Abbati tal-imsemmi ġuspatronat imsemmi Abbazija tinnomina u tippreżenta is-Sinjur Pietru Pawl, it-tieni wild iben tal-imsemmi Sinjur Federiku, imwieled u prokreat minnu u mis-Sinjura Lukrezja Gauci, il-mara tiegħu, b’din il-kundizzjoni, però, li jkollu jissejjaħ l-Abbati Navarro bil-privileġġ li jġorr l-insinji u l-armi tal-familja Navarra u hekk ikunu obbigati s-successuri tiegħu fl-imsemmi ġuspatronat imsejjaħ Abbazija f’kull żmien u għal dejjem jissejjaħ Abbati Navarra[3], waqt li jitolbu lill-Wisq Illustri u Reverendu Mons. Isqof, u lill-Wisq Reverendu Sinjur Vigarju Ġenerali tiegħu jekk għandhomx pjaċir jaċċettaw in-nominazzjoni u l-preżentazzjoni msemmija fuq tal-imsemmi Sinjur Pietru Pawl u, f’każ li ma jkunx hemm l-imsemmija Abbatin fiż-żmien kemm fin-nominazzjoni tal-Abbati Navarra, kemm fil-ġarr tal-insinji tan-Navarri ta’ issa għal quddiem, u meta okkażjoni għad ikollha ċċaħħadhom[4], u tkun trid li jiġu esklużi mill-imsemmi ġuspatronat imsejjaħ Abbazija skond l-istess dritt, u jekk jinzerta li jkun battâl minħabba mewt, u jkun hemm post għal preżentazzjoni ġdida ta’ oħrajn imsejħa mill-ewwel wild għal min għad jirrigwarda l-imsemmija preżentazzjoni.«

23. Effettivament, mela, il-fondatriċi riedet illi l-Isqof iwettaq il-ħatra tal-ewwel Abbati u ta’ dawk ta’ warajh fil-każ illi tkun meħtieġa ħatra ta’ Abbati ieħor kemm minħabba mewt tal-Abbati u kemm jekk dan, għax ma jħarisx il-kondizzjonijiet imposti mill-fondatriċi, jitneħħa mill-ħatra.

24. L-interess tal-Isqof, illum Monsinjur Arċisqof tal-Arċidjoċesi, joħroġ ċar: f’idejh kienet fdata r-responsabbiltà illi japprova jew ma japprovax il-ħatra tal-Abbati. Huwa ovvju għalhekk l-interess tiegħu li jintervjeni

---

2 *Foll.* 49 *et seq.* tal-proċess tal-ewwel qorti.

3 *Recte*: “… u hekk ikunu obbigati s-successuri tiegħu fl-imsemmi ġuspatronat imsejjaħ Abbazija illi f’kull żmien u għal dejjem jissejjħu Abbatin Navarra …”.

4 *Recte*: “u jekk tinqala’ okkażjoni li minħabba fiha ċċaħħadhom …”.

fil-każ illi l-ħatra tingħata lil min huwa, espressament, ma approvax il-ħatra tiegħu sabiex, kif qiegħed jitlob fil-kawża tallum, dik il-ħatra magħmula mingħajr il-kunsens u anzi kontra r-rieda tiegħu titħassar.

25. Għalhekk l-interess tal-attriċi, għallinqas fit-talba għat-tħassir tad-dikriet tal-Qorti ta' Għawdex, huwa wieħed leġittimu. Dan qiegħed jingħad bla ħsara għal dak li sejjer jingħad aktar 'il quddiem dwar l-interess fit-tieni talba magħmula mill-attriċi, dik għal dikjarazzjoni illi l-konvenut ma huwiex u ma jistax ikun imsejjaħ għall-Benefiċċju tal-Ġuspatronat.

26. Għamlet sew għalhekk l-ewwel qorti li ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' nuqqas ta' interess fil-kawża safejn l-attriċi qiegħda tfittex li tħassar il-ħatra li saret kontra r-rieda ta' Monsinjur Arċisqof meta dik il-ħatra, biex tkun saret sew kif riedet il-fondatriċi, kienet teħtieġ il-kunsens tiegħu. Anzi, li kieku ma saritx il-kawża tallum, Monsinjur Arċisqof kien ikun qiegħed jonqos milli jwettaq ir-responsabbiltajiet li bihom għabbietu l-fondatriċi.

27. L-appell inċidentali huwa għalhekk miċħud.

28. Ngħaddu issa għall-appell ewlieni tal-attriċi. Fir-rikors tal-appell l-attriċi, wara li tiċċita diversi sentenzi ta' dawn il-qrati biex turi illi huwa d-Dritt Kanoniku illi jirregola l-fondazzjonijiet piji, tgħaddi biex turi kif, fil-fehma tagħha, il-Benefiċċju, għalkemm lajkali, għandu jitqies bħala piju u għalhekk regolat mid-Dritt Kanoniku. Tgħid illi "il-ġuspatronat huwa lajkali peress li l-fondatriċi kienet persuna lajka", iżda xorta huwa ta' natura ekkleżjastika kif jixhdu "l-iskopijiet reliġjużi li għalihom waqqfitu l-fondatriċi" kif ukoll "il-fatt illi, skont il-Liġi Kanonika, l-istess testatriċi tobbliga lis-suċċessuri tagħha fil-ġuspatronat bħala patruni bid-dritt tan-nomina ta' abbati jew rettur tal-benefiċċju li, f'kull każ tal-vakazzjoni tal-benefiċċju, jippreżentaw il-persuna minnhom nominata lill-Ordinarju".

29. L-attriċi mbagħad tagħti raġunijiet għala għandu jitħassar id-dikriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Volontarja, fis-27 ta' Marzu 1992, kemm għax il-materja ma kinitx ta' kompetenza tal-Qorti ta' Għawdex u kemm għax kienet ta' natura kontenzjuża, mhux volontarja.

30. Fil-fehma ta' din il-qorti, il-meritu ewlieni ta' din il-kawża jolqot il-validità tad-dikriet tal-qorti ta' ġurisdizzjoni

volontarja ta' Għawdex, li huwa wkoll il-meritu tal-ewwel talba tal-attriċi. Trid qabel xejn tiġi mistħarrġa l-validità formali tad-dikriet, għax jekk inħareġ minn qorti inkompetenti l-kawża tieqaf hawn. Jekk, min-naħa l-oħra, inħareġ minn qorti kompetenti jinħtieġ li jiġi mistħarreġ fil-meritu tiegħu, *cioè* jekk wettaqx il-ħatra ta' min huwa eliġibbli jew mhux eliġibbli għall-ħatra, li huwa l-meritu tat-tieni talba.

31. Fil-fehma ta' din il-qorti, il-kwistjoni tal-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja ta' Għawdex biex tagħti d-dikriet *de quo* ma hijiex jekk id-dikriet kellux jingħata minn qorti superjuri jew qorti inferjuri, jew kellux jingħata minn qorti ta' Malta jew minn qorti ta' Għawdex, iżda jekk kellux jingħata minn qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja jew minn qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża.

32. Kif rajna, l-ewwel qorti immotivat hekk id-deċiżjoni tagħha illi l-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja kienet il-qorti kompetenti:

"…l-attur *nomine* … jissottometti li l-meritu tar-rikors tal-konvenut in kwestjoni kien jidher mad-daqqa t'għajn li hu materja kontenzjuża u għaldaqstant il-qorti, mill-ewwel, kellha tirrimetti l-kwestjoni għall-kontenzjuż. … Il-qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-attur *nomine* li wieħed mill-ewwel jinduna li r-rikors kien jittratta materja kontenzjuża. Ma hemm xejn fir-rikors li jindika li fil-meritu tar-rikors kien hemm terzi li setgħu kienu interessati fil-materja in kwestjoni u li dawn it-terzi kienu, b'xi mod, qed jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti. Fir-rikors in kwestjoni ma hemm l-ebda aċċenn għall-fatt li l-konvenut kien qabel applika għand l-awtoritajiet ekkleżjastiċi sabiex jiġi konfermat bhala Rettur tal-Benefiċċju u għalhekk dik il-qorti ma setgħetx tkun taf b'dan l-istess fatt.

"…

"… trid ukoll tiġi eżaminata kwestjoni sollevata mill-attur *nomine* waqt it-trattazzjoni tal-kawża fis-sens illi l-qorti ċivili ma setgħetx tikkonferma n-nomina ta' Rettur *stante* li dan jispetta biss lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi, in partikolari lill-Arċisqof ta' Malta u dana *ai termini* tal-att ta' fond-azzjoni tal-Benefiċċju kif ukoll skond il-Liġi Kanonika. Hu minnu li skond l-att tal-fondazzjoni l-patruni tal-Benefiċċju kellhom jippreżentaw persuna li setgħet tingħata t-tgawdija tal-istess Benefiċċju lill-Arċisqof ta Malta li da

parti tiegħu kellu jikkonferma n-nomina skond jekk il-persuna preżentata kenitx idonea u jekk kellhiex il-kwalifiki neċessarji jew le. Għalhekk kienet il-funzjoni tal-imsemmija Awtorita Ekkleżjastika li tikkonferma n-nomina sottomessa lilha. In effett jirriżulta li l-konvenut talab din il-konferma però tali talba ġiet miċħuda. Kien għalhekk li l-konvenut, fuq il-parir tal-konsulenti legali tiegħu, adixxa lill-Qorti ta' Għawdex fil-kompetenza tagħha volontarja. F'dawn iċ-ċirkostanzi ma jistax jingħad li l-imsemmija qorti kienet inkompetenti li titratta r-rikors in kwestjoni. Il-konferma kienet riżervata għal awtorità oħra (mhux ġudizzjarja) però dan ma jrendix is-Sekond'Awla inkompetenti.«

33. Fil-fehma ta' din il-qorti, dan l-argument *non sequitur*. In-natura kontenzjuża jew volontarja tal-materja tiddependi mill-materja nfisha u mhux mill-mod kif tkun formulata, b'aktar jew inqas preċiżjoni, it-talba. Materja ta' natura kontenzjuża ma ssirx tal-kompetenza ta' qorti ta' ġurisdizzjoni voluntarja għax min jagħmel it-talba jistor l-interess ta' terzi fil-materja, kif jidher li qiegħda tagħti x'tifhem is-sentenza appellata.

34. Jekk, biex ħaġa ssir validament, ikun meħtieġ permess mingħand awtorità kompetenti, u dak il-permess ma jingħatax għal raġunijiet li, fil-fehma ta' min ikun għamel it-talba, ma għandhomx mis-sewwa, ir-rimedju ma jkunx illi dak il-permess jintalab mingħand qorti ta' ġurisdizzjoni voluntarja iżda illi ċ-ċaħda tal-permess tiġi impunjata, b'kontestazzjoni ma' min għandu interess, quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża. Bl-istess mod, jekk ikun meħtieġ il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija biex issir xi attività, u l-Kummissarju ma jagħtix dak il-permess, ċertament min irid dak il-permess ma jistax jiksbu mingħand il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, tkunx ta' Malta jew ta' Għawdex, iżda għandu jfittex li jimpunja r-rifjut tal-Kummissarju quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża. L-istess argument igħodd fil-każ tallum.

35. Hija inevitabbli għalhekk il-konklużjoni illi d-dikriet tal-approvazzjoni tal-ħatra tal-attur ingħata minn qorti li ma kellhiex ġurisdizzjoni, u d-dikriet għalhekk ma jiswiex. Għal din ir-raġuni l-ewwel talba tal-attriċi għat-tħassir tad-dikriet għandha tintlaqa'.

36. L-attriċi qiegħda titlob ukoll dikjarazzjoni illi l-konvenut ma huwiex u ma jistax ikun imsejjaħ għall-Benefiċċju. Fil-fehma ta' din il-qorti, issa li sejra tintlaqa' t-talba għat-tħassir tad-dikriet tal-Qorti ta' Għawdex, l-attriċi ma għadx għandha interess f'din it-tieni talba.
37. Monsinjur Arċisqof ma approvax il-ħatra tal-attur. Dan kien fis-setgħa tiegħu li jagħmel, u ma jeħtieġx dikjarazzjoni ġudizzjarja li tgħid illi d-deċiżjoni kienet tajba biex tibqa' fis-seħħ. Kienet tkun meħtieġa li kieku d-dikriet tal-Qorti ta' Għawdex kien jiswa formalment u għalhekk kien jinħtieġ illi jiġi impunjat fil-meritu, iżda dan ma huwiex il-każ. *Se mai*, huwa interess tal-konvenut illi jfittex li jimpunja r-rifjut ta' Monsinjur Arċisqof, iżda dak ma huwiex il-meritu tal-kawża tallum, fejn qiegħed jiġi impunjat mhux ir-rifjut ta' Monsinjur Arċisqof iżda d-dikriet tal-Qorti ta' Għawdex. Ladarba tħassar dak id-dikriet, ir-rifjut ta' Monsinjur Arċisqof għadu fis-seħħ u ma jeħtieġ ebda dikjarazzjoni oħra ta' din il-qorti biex jibqa' fis-seħħ.
38. Il-qorti għalhekk ma tqisx it-talba għal dikjarazzjoni illi l-konvenut ma huwiex u ma jistax ikun imsejjaħ għall-Benefiċċju tal-Ġuspatronat.
39. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk tiddisponi mill-appell: tiċħad l-appell inċidentali u hekk tikkonferma s-sentenza appellata fejn din ċaħdet it-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenut; tilqa' l-appell tal-attriċi fis-sens illi tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn ċaħdet it-talba għat-tħassir tad-dikriet numru 40/1992, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Volontarja, fis-27 ta' Marzu 1992 u, minflok, tilqa' dik it-talba u tħassar dak id-dikriet; u ma tqisx it-talba għal dikjarazzjoni illi l-konvenut ma huwiex u ma jistax ikun imsejjaħ għall-Benefiċċju tal-Ġuspatronat.
40. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom is-suċċessuri tal-konvenut billi dan ġie nieqes waqt li kienet miexja l-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------